# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 8 ta' Frar, 2001.**

**Kawza Nru. 34.**
**Citazz. Nru. 1786/00 JRM**

**SUNCREST HOTELS p.l.c.**

**vs**

**INTRAMED LTD.**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' sebat elef disa' mija u wiehed liri u tmenin centezmu (Lm7901.80) prezz ta' akkomodazzjoni fis-Suncrest Hotel il-Qawra liema akkomodazzjoni s-socjeta' attrici pprovdiet fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta;

Illi s-socjeta' konvenuta nonostante l-fatt illi giet diversi drabi nterpellata sabiex thallas, baqghet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' sebat elef disa' mija u wiehed liri u tmenin centezmu (Lm7901.80);

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 2000 kontra s-socjeta' konvenuta, ir-rappresentant ta' liema socjeta' f'proceduri gudizzjarji hu minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mil-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' sebat elef disa'mija u wiehed liri u tmenin centezmu (Lm7901.80), bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 2000 kontra s-socjeta' konvenuta.

*8 ta' Frar, 2001.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**8 ta' Frar, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**8 ta' Frar, 2001.**